# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta’ nhar il-Ġimgħa 27 ta’ Marzu 2020**

**Numru 22**

**Rikors maħluf numru 1120/13 JRM**

**Inna Said**

***v.***

**Massimo Bonello, Albert Sammut u *Motor Insurance Pool* (ġà *Motor Omnibus Pool*)**

1. Dan huwa appell tal-attriċi minn dikriet tat-23 ta’ Novembru 2016 mogħti mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili taħt l-art. 173 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar ammissibilità ta’ xhud, u appell ukoll tal-istess attriċi minn sentenza mogħtija fis-16 ta’ Mejju 2017 li biha l-Prim’Awla laqgħet eċċezzjoni ta’ preskrizzjoni taħt l-art. 2154(1) tal-Kodiċi Ċivili u għalhekk ċaħdet it-talbiet tal-attriċi. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attriċi tgħid illi fit-2 ta' Diċembru 2008 ntlaqtet minn karrozzza tal-linja misjuqa mill-konvenut Bonello, proprjetà tal-konvenut Sammut u assigurata mal-*Motor Insurance Pool*, u ġarrbet ġrieħi li ma tfieqx minnhom. Billi tqis illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenut Bonello "minħabba s-sewqan negliġenti, traskurat, bla kont, perikoluż u b'non-osservanza tar-regoli tat-traffiku", l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti, wara li (i) tgħid illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenut Bonello waħdu u (ii) tgħid illi b'riżultat ta' dan l-inċident hija ġarrbet ġrieħi li ma tfieqx minnhom, (iii) tillikwida d-danni li ġarrbet u (iv) tiikundanna lit-tliet konvenuti flimkien *in solidum* iħallsuha d-danni hekk likwidati flimkien mal-ispejjeż u l-imgħaxijiet.

3. Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-artt. 2153 u 2154(1) tal-Kodiċi Ċivili.

4. Waqt is-smigħ tal-kawża ġieli kien ikun preżenti żewġ l-attriċi u għa-lhekk seta' jisma' x-xiehda. Meta mbagħad l-attriċi riedet tressaq lil żewġha biex jixhed hu wkoll, il-konvenut Bonello oġġezzjona u talab li għal din ir-raġuni żewġ l-attriċi ma jitħalliex jixhed. Ukoll, b'rikors tas-27 ta' Ġunju 2016 *Motor Insurance Pool* talbet illi żewġ l-attriċi ma jitħalliex jixhed.

5. L-ewwel qorti bid-dikriet tat-23 ta' Novembru 2016 li minnu qiegħed isir dan l-appell, iddeċidiet hekk dwar dawn it-talbiet:

> »Dan huwa degriet mogħti skond l-artikolu 173 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta wara (i) talba magħmula mill-imħarrek Massimo Bonello waqt is-smigħ tat-22 ta' Ġunju, 20161 biex żewġ l-attriċi ma jitħalliex jagħti x-xhieda tiegħu ladarba kien preżenti fl-awla meta xehdet martu; u (ii) talbiet magħmulin mill-imħarrka *Motor Insurance Pool* bis-saħħa ta' rikors imressaq minnha fis-27 ta' Ġunju, 2016, li bih u għar-raġunijiet

hemm imsemmija, talbet … … … (b) li din il-qorti ma tħallix lil żewġ l-istess attriċi jitressaq b'xhud tagħha dwar l-eċċezzjoni preliminari ulterjuri tal-preskrizzjoni;

»Illi għall-ewwel talba, l-attriċi laqgħet billi qalet li l-provi li kienu tressqu qabel f'din il-kawża kienu jirrigwardaw eċċezzjoni oħra tal-preskrizzjoni u mhux l-eċċezzjoni ulterjuri mqajma mill-imħarrek Bonello, u żiedet tgħid li ma jirriżulta mill-ebda verbal tal-kawża li żewġha kien preżenti meta tat ix-xhieda tagħha;

»Illi għat-talbiet magħmulin mill-*Motor Insurance Pool* l-attriċi laqgħet bi tweġiba mressqa minnha fl-4 ta' Lulju 2016;

»Ikkunsidrat:

»Illi, għar-rigwarda tat-talba magħmula mill-imħarrek Bonello l-liġi trid li l-parti f'kawża tressaq dejjem l-aħjar xhieda għall-każ tagħha u li tali xhieda tkun rilevanti għall-kwestjoni;

»Illi xhud jitħalla jixhed jekk kemm-il darba jkun persuna minn fost dawk imsemmija fid-dikjarazzjoni mehmuża mal-att li bih il-parti tressaq il-każ tagħha, sakemm ma jkunx hemm raġuni tajba biex xhud mhux dikjarat jitħalla wkoll jagħti x-xhieda tiegħu ukoll kif issemmi l-liġi. Żewġ jew mart parti fil-kawża huwa xhud li jista' u għandu jagħti x-xhieda tiegħu f'kawża tal-parti li magħha huwa miżżewweġ. Żewġ l-attriċi huwa wieħed mill-persuni li hija sejħet bħala xhieda tagħha f'din il-kawża u fl-att promotur li bih fetħet il-kawża, għalkemm mhuwiex parti fil-kawża;

»Illi, madankollu, il-liġi tgħid li bħala regola ebda persuna preżenti waqt is-smigħ ta' kawża ma tista' tinġieb bħala xhud fl-istess kawża, u huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-qorti li f'każijiet partikolari u għal raġuni tajba, twarrab dik ir-regola;

»Illi l-kawża li qiegħda quddiem din il-qorti tinsab fl-istadju tat-trattazzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari tal-preskrizzjoni. L-imħarrek Bonello qajjem il-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. B'talba li huwa għamel b'rikors tad-19 ta' Novembru, 2014 (wara li l-kawża kienet tħalliet għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari tiegħu) talab li jitħalla jressaq eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2154(1) tal-istess Kodiċi;

»Illi fil-każ tal-lum l-attriċi tat ix-xhieda tagħha darbtejn, l-ewwel darba fit-2 ta' Ottubru 2014 (qabel ma tqajmet l-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri), u t-tieni darba fit-22 ta' Ġunju 2016;

»Illi dakinhar tat-22 ta' Ġunju 2016 l-għaref difensur tal-attriċi riedet tressaq ukoll b'xhud lil żewġ l-attriċi li, waqt li martu kienet qiegħda tagħti x-xhieda tagħha, kien preżenti fl-awla u segwa x-xhieda ta' martu;

»Illi minnufih tqajmet l-oppożizzjoni tal-imħarrek Bonello;

»Illi fl-istadju li tinsab fih il-kawża, il-qorti ssib li l-oġġezzjoni tal-imħarrek Bonello hija mistħoqqa u tqis li l-attriċi ma tat lill-qorti l-ebda raġuni għaliex, ladarba ħareġ li żewġ l-attriċi kien fl-awla hi u tixhed martu, il-qorti għandha tħallih jixhed dwar l-istess ħaġa;

»Illi ta' min jgħid li l-attriċi ma ressqitx lil żewġha biex jixhed qabel ma l-imħarrek Bonello qajjem l-eċċezzjoni ulterjuri tiegħu, u dan minkejja li l-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri titkellem dwar żmien ta' preskrizzjoni li

l-imħarrek Sammut u l-imħarrka *Motor Insurance Pool* kienu diġà qajmu sa mill-bidu tal-kawża fit-tweġiba maħlufa tagħhom. Għalhekk ma tarax x'inhi r-raġuni tajba li tħalliha tiddispensa mir-regola preskritta mil-liġi;

»… … …

»Illi dwar it-tieni talba tal-imsemmija *Motor Insurance Pool*, il-qorti tirreferi għall-konsiderazzjonijiet li għamlet hi u tqis it-talba tal-imħarrek Bonello u, għalkemm mhux bilfors għar-raġunijiet imsemmija fir-rikors tal-istess *Motor Insurance Pool*, tilqa' t-talba;

»Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti qiegħda tipprovdi dwar it-talbiet li sarulha kif sejjer jingħad:

»tilqa' t-talba tal-imħarrek Massimo Bonello u t-tieni talba tal-imħarrka *Motor Insurance Pool* dwar jekk żewġ l-attriċi għandux jitħalla jagħti x-xhieda tiegħu f'dan l-istadju tal-kawża; … … … u.

6. Imbagħad bis-sentenza tas-16 ta' Mejju 2017 li minnha wkoll sar dan l-appell, l-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

»tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin dwar il-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili billi ma tgħoddx għall-każ;

»tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi taħt l-artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili bħala mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

»tiċħad it-talbiet attriċi; u

»tordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attriċi.«

7. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Illi din hija azzjoni ta' danni wara inċident li fih l-attriċi ndarbet meta ntlaqtet minn vettura misjuqa minn wieħed mill-imħarrkin. L-attriċi tgħid li għal dan l-inċident jaħti l-imħarrek Bonello. Tgħid ukoll li ġarrbet diversi danni fosthom dawk marbuta ma' ġrieħi li ma jgħaddux u qiegħda titlob li l-qorti tillikwida d-danni mġarrba u li l-imħarrkin jagħmlu tajjeb għalihom. Dakinhar tal-inċident, ix-xarabank kien assigurat mal-*Motor Insurance Pool* (li dakinhar kienet magħrufa bħala l-*Motor Omnibus Pool*), filwaqt li l-imħarrek Albert Sammut kien sid il-vettura;

»Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin kollha laqgħu billi ċaħdu r-responsabbiltà. Laqgħu wkoll b'eċċezzjoni preliminari li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni. Fil-każ tal-imħarrkin Sammut u *Motor Insurance Pool*, dawn kienu sa mill-bidu qajmu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kemm taħt l-artikolu 2153 u kif ukoll taħt l-artikolu 2154(1) tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li l-imħarrek Bonello kien qajjem l-eċċezzjoni taħt l-artikolu 2153 biss. Madankollu, meta kienet diġà saret it-

trattazzjoni tal-eċċezzjonijiet, l-imħarrek Bonello talab ukoll li jressaq eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2154(1) tal-Kodiċi;

»Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-eċċezzjonijiet preliminari msemmija;

»Illi mill-fatti li jirriżultaw mill-atti joħroġ li nhar it-2 ta' Diċembru, 2008, vettura tal-għamla *Bedford Dominant* bin-numru tar-registrazzjoni DBY 431 misjuqa mill-imħarrek Massimo Bonello tajret lill-attriċi, Inna Said, fi Triq it-Trunċiera, ġewwa San Pawl il-Baħar. Il-ġrieħi li l-attriċi ġarbet b'riżultat ta' dan l-inċident kienu ta' natura gravi;

»Illi sid il-vettura huwa l-imħarrek Albert Sammut, u li din il-vettura kienet assigurata mal-imħarrka l-oħra *Motor Insurance Pool* (minn issa 'l hemm imsejħa "*MIP*");

»Illi fil-25 ta' April 2009 l-imħarrek Massimo Bonello ġie notifikat b'kopja ta' ittra uffiċjali mibgħuta mill-attriċi, li ġġib id-data tal-21 ta' April 2009, dak in-nhar taħt kunjomha xebba jiġifieri Inna Atrepiyeva-Abrekova, fejn żammitu responsabbli għall-ġrieħi li ġarrbet b'riżultat tal-inċident kif ukoll talbitu jersaq għal likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni. Din l-istess ittra ġiet notifikata lil *MIP*, jiġifieri fl-24 ta' April 2009;

»Illi n-notifika ta' din l-ittra uffiċjali lil *MIP* tat bidu għal bdil ta' korrispondenza bejnha u l-attriċi, jew ir-rappreżentant legali tagħha, bil-għan li jinstab min hu responsabbli għall-inċident. *MIP* jidher li bagħtet ittra wkoll lill-imħarrek Bonello fejn għarrfitu bil-*claim* li kienet tressqet, iżda ma jidhirx li għaddiet korrispodenza oħra bejnha u l-istess imħarrek;

»Illi ħareġ ukoll li *MIP* talbet lill-attriċi sabiex tidher quddiem espert mediku mqabbad minn *MIP* biex jinvistaha dwar l-istat ta' saħħitha. L-attriċi marret għall-imsemmi eżami mediku;

»Illi l-attriċi bagħtet żewġ ittri uffiċjali oħra. Waħda ntbagħtet fl-4 ta' April tal-2011 u l-oħra fit-22 ta' Marzu 2013, it-tnejn indirizzati lill-imħarrek Bonello, b'notifika lil *MIP*. Fiż-żewġ ċirkostanzi, l-imsemmija ittri uffiċjali ġew notifikati biss lil *MIP* għaliex fil-konfront tal-imħarrek Massimo Bonello r-riferti tal-ittri uffiċjali jirriżultaw fin-negattiv;

»Illi ma jirriżultax li qabel fetħet din il-kawża l-attriċi qatt ressqet talba għall-ħlas mingħand l-imħarrek Albert Sammut;

»Illi ħareġ illi, b'riżultat ta' dan l-inċident, il-Pulizija Eżekuttiva mexxiet bil-ħruġ ta' akkużi kontra l-imħarrek Bonello. B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati(Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-18 ta' Diċembru 2013 l-imħarrek Bonello instab ħati li saq vettura mingħajr liċenza tas-sewqan, imma ma nstabx ħati tal-akkużi l-oħrajn li saq il-vettura bla ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni, li saq bla kont, bi traskuraġni jew b'mod perikoluż, jew li ikkaġuna l-ġrieħi fuq l-attriċi bi traskuraġni, nuqqas ta' ħila jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti;

»Illi sadanittant fit-22 ta' Novembru 2013 infetħet din il-kawża;

»Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-15 ta' Frar, 2016, Maria Louise Pearson (li kienet xehdet fil-każ imressaq mill-pulizija kontra l-imħarrek Bonello dwar l-inċident li fih ittajret l-attriċi) instabet ħatja ta' sperġur u kienet kundannata għal sentejn ħabs sospiżi għal erba' snin u interdetta għal għaxar snin;

»Illi l-konsiderazzjoni ta' xejra legali li jintrabtu mal-eċċezzjonijiet taħt eżami jridu jirreferu għall-inċident li ġarrbet l-attriċi u li b'riżultat tiegħu ġiet iċċertifikata li baqgħet tbati minn ġrieħi li ma jgħaddux. Ta' siwi wkoll huma l-iżviluppi li seħħew wara l-imsemmi inċident u x'ġara sa ma waslet biex tinfetaħ il-kawża;

»Illi l-eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrkin jinġabru taħt żewġ dis-posizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili, jiġifieri l-artikolu 2153 u l-artikolu 2154. Kemm-il darba waħda jew oħra mill-eċċezzjonijiet jintlaqgħu, iwasslu biex l-azzjoni taqa' fil-konfront ta' dik il-parti li tkun ressqitha, u l-azzjoni attriċi tieqaf hawn;

»Illi ż-żmien tal-preskrizzjoni jrid jitqies b'riferenza għall-azzjoni kif imfassla. Din hija għażla li l-liġi tagħti lil kull parti attriċi, u hija fuq din l-għażla li jiddependi l-eżitu tal-azzjoni. Dan ifisser li jekk parti tagħżel li tressaq il-pretensjonijiet tagħha kontra parti oħra fuq kawżali partikolari, l-eċċezzjoni li titqanqal mill-parti mħarrka kontra l-azzjoni magħmula kontriha trid titkejjel fuq dik il-kawżali u mhux fuq x'taħseb il-parti mħarrka li setgħet kienet il-kawżali vera. Għalhekk, il-qorti trid l-ewwel tqis jekk l-artikolu tal-preskrizzjoni li jkun eċċepit ikunx jgħodd għaċ-ċirkostanzi tal-azzjoni li l-eċċezzjoni trid twaqqaf, qabel ma tgħaddi biex tistħarreġ il-provi. Dan qed jingħad għaliex, f'każ li ż-żmien preskrittiv eċċepit ikun jgħodd għall-każ, ma jkun jiswa xejn li l-qorti tistħarreġ il-provi, ħlief dawk li huma meħtieġa biex tistħarreġ il-kwestjoni tal-preskrizzjoni;

»Illi għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri: (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għemil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kważi-delitt (l-hekk imsejħa *culpa aquiliana*), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn (prinċipju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili); u (ċ) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni li mhix imfissra f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames (5) snin. Kieku l-obbligazzjoni tkun imfissra f'att pubbliku, jidher li l-preskrizzjoni tkun dik ta' tletin (30) sena, u dan għaliex iż-żmien preskrittiv dwar in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali huwa dak relattiv għall-obbligazzjoni nnfisha;

»Illi kif ingħad, dak li għandu jiġi mistħarreġ f'kawża ta' din ix-xorta huwa jekk il-premessi u l-kawżali li fuqhom tissejjes l-azzjoni attriċi jammontawx għal deskrizzjoni ta' atti li jikkostitwixxu reat allegatament fil-konfront tal-imħarrkin;

»Illi f'din il-kawża l-attriċi tixli lill-imħarrek Bonello b'negliġenza u imprudenza waqt sewqan, li b'riżultat tiegħu ġarrbet danni, fosthom dawk ta' korriment li ma jgħaddix. Ġie ritenut li f'każ ta' danni mġarrba b'riżultat ta' inċident awtomobilistiku li fih l-attur allegatament ġarrab danni li ma jgħaddux, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik taħt l-artikolu 2154;

»Illi l-qorti hija ta' l-istess fehma. Fil-każ ta' llum, l-azzjoni hija għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat taħt l-artiklu 226 tal-Kodiċi Kriminali28, għaldaqstant il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali taħt l-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali hija regolata fl-artikolu 688(*e*) ta' l-istess Kodiċi, jiġifieri dik ta' sentejn. L-azzjoni ċivili mressqa permezz ta' din il-kawża għalhekk, ukoll taqa' bil-preskrizzjoni ta' sentejn;

»Illi ladarba fiċ-ċirkostanzi tal-każ jgħodd iż-żmien stabilit fl-artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili, l-eċċezzjoni tal-imħarrkin safejn tinbena fuq l-artikolu 2153 tal-istess Kodiċi mhijiex tajba, għalkemm effettivament, meta titħaddem il-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2154, jirriżulta li ż-żmien tal-preskrizjoni huwa l-istess (sentejn);

»Illi minħabba li l-preskrizzjoni mressqa mill-imħarrkin hija waħda estintiva tal-azzjoni attriċi, jidħol fis-seħħ il-prinċipju li ż-żmien preskrittiv jgħaddi biss minn dak inhar li jkun tnissel id-dritt jew setgħet tinbeda l-azzjoni meqjusa biex tħares dak id-dritt. … … …

»… …

»Illi mill-provi li tressqu quddiem din il-qorti jirriżulta li l-inċident seħħ nhar it-2 ta' Diċembru 2008, bl-ewwel ittra uffiċjali tiġi notifikata lill-imħarrek Bonello fil-25 ta' April 2011, jiġifieri qabel l-għeluq tas-sentejn żmien ta' preskrizzjoni li jgħodd għall-każ tiegħu;

»… … …

»Illi jirriżulta iżda li l-imħarrek Bonello ma ġie notifikat b'ebda att ġudizzjarju ieħor qabel ma laqa' n-notifika tal-atti tar-rikors maħluf. Għaldaqstant jista' jingħad bla ebda tlaqlieq li, fil-konfront tiegħu, l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni, għaliex in-notifika ta' talba ġudizzjarja ma sservix biex tikser żmien ta' preskrizzjoni li jkun diġà għalaq. Il-qorti ma tistax tilqa' l-argument tal-għaref difensur tal-attriċi meta qalet li n-notifika lil *MIP* kienet l-istess bħallikieku saret in-notifika lill-imħarrek Bonello;

»Illi ħareġ ċar mix-xhieda mressqa (magħduda dik mogħtija mill-attriċi) li bejn l-imħarrek Bonello u l-attriċi ma kien hemm qatt kuntatt dirett jew negozjati dwar l-inċident, u kienet biss l-ewwel ittra uffiċjali li hu laqa' notifika tagħha. Għalhekk ma kien hemm l-ebda għemil jew stqarrija min-naħa tiegħu li b'xi mod tista' titqies li kisret iż-żmien preskrittiv jew li kienet tikkostitwixxi rinunzja għaż-żmien li kien diġà għalaq;

»Illi mbagħad, fil-konfront tal-imħarrek Sammut, jirriżulta illi dan qatt ma ġie notifikat b'ebda att ġudizzjarju qabel il-ftuħ ta' din il-kawża, u għalhekk l-azzjoni attriċi żgur li kienet preskritta fil-konfront tiegħu sa minn żmien qabel ma nfetħet il-kawża;

»Illi għal dak li jirrigwarda *MIP* jirriżulta illi għalkemm ma kinetx imsejħa bħala intimata biex tersaq għall-ħlas ta' danni, laqgħet in-notifika tat-tliet atti ġudizzjarji indirizzati lill-imħarrek Bonello;

»Illi l-qorti tqis li l-fatt li ntwera li l-azzjoni kontra l-imħarrek Bonello waqgħet bil-preskrizzjoni tolqot b'mod radikali l-azzjoni attriċi fil-konfront tal-imħarrkin l-oħrajn ukoll. Hija l-attriċi nnifisha li, fil-premessi tar-rikors promotur, tgħid li huwa l-imħarrek Bonello li waħdu jaħti għad-danni li hija ġarrbet meta tajjarha (kemm hu hekk huwa biss fil-paragrafu 11 tal-istess Rikors li l-attriċi ssemmi l-ewwel darba lill-imħarrkin l-oħrajn). Jekk dan huwa l-każ, wieħed jista' jgħid li ż-żmien preskrittiv li għadda favur l-imħarrek Bonello jgħin ukoll lil *MIP*;

»Illi l-attriċi tisħaq ħafna li l-fatt li *MIP* kienet bagħtitha għand tabib imqabbad minnha biex jeżaminaha kien ifisser li *MIP* kienet assumiet ir-responsabbiltà jew li, tal-anqas, kienet qiegħda tagħtiha x'tifhem li *MIP* kienet qiegħda taċċetta r-responsabbiltà tal-assigurat tagħha. Il-qorti ma taqbilx ma' din il-fehma tal-attriċi. Il-fatt li kumpannija

assiguratriċi ta' parti involuta f'inċident tagħmel kostatazzjonijiet biex tivverifika l-allegazzjonijiet tal-parti l-oħra ma jsarrafx f'"negozjati" għall-finijiet tal-artikolu 2125(*d*) tal-Kodiċi Ċivili u lanqas ta' stqarrija ta' responsabbiltà taħt l-artikolu 2133 tal-istess Kodiċi. Minbarra dan, *MIP* tiċħad kategorikament li hija kienet assumiet ir-responsabbiltà tal-assigurat tagħha (l-imħarrek Sammut) u kulma kienet għamlet kien li titlob lill-attriċi tagħti verżjoni maħlufa tagħha ta' dak li ġara u ġġibilha kopja tal-proċess verbal tal-inkjesta maġisterjali. L-istess xhud għamlitha ċara li l-fatt li kienet bagħtet lill-attriċi għand espert mediku biex jinviżtaha kienet "prattika normali … mingħajr preġudizzju";

»Illi jista' jiżdied jingħad ukoll li lanqas l-attriċi ma jidher li kienet konvinta li l-komunikazzjonijiet li kienu għaddejjin bejnha u *MIP* kienu b'xi mod tabilħaqq negozjati li jistgħu jissospendu l-mixja taż-żmien tal-preskrizzjoni. Dan jingħad għaliex għalkemm dawn il-komunikazzjonijiet bdew għaddejjin sa mill-bidu tal-2010, u jiġifieri wara li kienet bagħtet l-ewwel ittra uffiċjali lill-imħarrek Bonello, hija bagħtet żewġ ittri uffiċjali oħrajn fl-2011 u fl-2013. Fit-tieni waħda qalet saħansitra espressament li dik l-ittra kienet qiegħda tintbagħat "għall-finijiet u effetti kollha tal-Kodiċi Ċivili". Il-qorti tqis li dan kollu juri li l-attriċi kienet qiegħda tara li ż-żmien tal-preskrizzjoni ma kienx sospiż u li kellhom ikunu dawk l-atti ġudizzjarji tagħha li kellhom jaħsbu għal dan;

»Illi dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-qorti biex twarrab l-argument imressaq mill-abbli avukat tal-attriċi li l-preskrizzjoni ġiet sospiża fit-termini tal-artikolu 2125(*d*) tal-Kap 16 minħabba negozjati li kienu għaddejjin bejn il-partijiet jew xi wħud minnhom. Kif ingħad, meta l-liġi titkellem fuq 'negozjati', qed tirreferi għal diskussjonijiet intiżi biex iwasslu għal għan ġà maqbul u mhux għal diskussjonijiet jew skambju ta' korrispondenza li għad ma jkollhomx fini determinat. F'din il-kawża, lill-qorti ma jirriżultalha li kien hemm xejn maqbul, għaldaqstant negozjati ma setax kien hemm;

»Illi għalhekk, il-qorti ssib li l-azzjoni attriċi tassew waqgħet bil-preskrizzjoni u li l-eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin hija mistħoqqa.«

8. Nibdew bl-appell mid-dikriet tat-23 ta' Novembru 2016.

9. L-attriċi appellanti tgħid illi l-ewwel qorti qalet ħażin meta qalet illi "dakinhar tat-22 ta' Ġunju 2016 l-għaref difensur tal-attriċi riedet tressaq ukoll b'xhud lil żewġ l-attriċi li, waqt li martu kienet qiegħda tagħti x-xiehda tagħha, kien preżenti fl-awla u segwa x-xhieda ta' martu" għax l-oġġezzjoni tqajmet fit-22 ta' Ġunju 2016 *qabel* ma xehdet l-attriċi dakinhar.

10. Il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Ġunju 2016 igħid hekk:

»Meta ssejħet il-kawża deher l-intimat Massimo Bonello mgħejjun mill-avukat Marycien Vassallo.

»L-Avukat Paul Cachia bagħat jgħarraf lill-qorti li llum ma setax ikun preżenti.

»L-avukat Marycien Vassallo għall-intimat Bonerto tiddikjara li l-patroċinat tagħha m'għandux provi xi jressaq dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tiegħu tal-preskrizzjoni.

»F'dan il-waqt dehret l-Avukat Sarah Grech għall-attriċi.

»L-attriċi indikat lil żewġha … bħala xhud tagħha.

»L-avukati tal-intimat Massimo Bonello jirrilevaw li l-imsemmi xhud kien ikun regolarment preżenti fl-awla meta kienet ingħatat ix-xiehda f'din il-kawża u għalhekk jopponu għall-għoti tax-xiehda min-naħa tiegħu.

»L-Avukat Sarah Grech għall-attriċi tirrileva illi għalkemm inġabru provi f'seduta waħda preċedentement il-ġbir tal-provi f'dik is-seduta kien b'referenza għal eċċezzioni differenti u għalhekk l-eċċezzjoni li dwarha ser jinġabru l-provi llum ma sax ġbir tal-provi dwarha qabel, u *inoltre* ma jirriżulta minn ebda verbal għal liema seduta speċifika kien pżeżenti [żewġ l-attriċi].

»Fuq dan il-verbal il-qorti tirriserva li tipprovdi 'l quddiem dwar l-ammissibilità tax-xiehda ta' [żewġ l-attriċi].

»Xehdet Inna Said.

»Il-qorti qed tħalli l-kawża għall-finijiet tal-verbal ta' qabel għall-5 ta' Lulju 2016 fil-11.30 *a.m.*«

11. Jidher għalhekk li huwa minnu illi dakinhar tat-22 ta' Ġunju 2016 l-attriċi xehdet wara li u mhux qabel ma riedet tressaq lil żewġha biex jixhed u għalhekk ma setgħetx kienet ix-xiehda tagħha dakinhar ir-raġuni għall-oġġezzjoni, għalkemm, fil-verità, l-ewwel qorti ma qalitx li żewġ l-attriċi kien preżenti waqt li xehdet dakinhar, iżda li kien preżenti waqt li xehdet bla ma qalet meta. Fil-fatt l-attriċi kienet ġà xehdet f'seduta oħra, dik tat-2 ta' Ottubru 2014, u jista' jkun li l-ewwel qorti kienet qiegħda tirreferi għal dik l-okkażjoni għalkemm, kif sewwa tgħid l-attriċi, fil-verbal tas-seduta ta' dakinhar ma jingħadx li żewġ l-attriċi kien preżenti.

12. L-attriċi iżda tgħid illi dak li xehdet fuqu fis-seduta ta’ qabel ma kienx dwar l-istess materja li dwarha riedet li jixhed żewġha, u għalhekk ma kienx hemm il-perikolu li żewġha jkun influwenzat b’dak li xehdet hi meta jiġi biex jagħti x-xiehda tiegħu.

13. Il-konvenuti min-naħa l-oħra jwieġbu illi “r-regola sanċita fl-artikolu 591 tal-Kap. 12 tapplika irrispettivament mill-kontenut tax-xiehda li qiegħda tingħata waqt li x-xhud ikun preżenti. Dak li jirrikjedi l-artikolu 591 huwa sempliċement li x-xhud ikun preżenti waqt is-smigħ tal-kawża, u l-appellanti tammetti li żewġha kien preżenti meta tat ix-xiehda oriġinali tagħha tat-2 ta' Ottubru 2014. La r-raġel tal-attriċi kien indikat bħala xhud mill-istess attriċi, u la m’huwiex parti fil-kawża, kellu allura dejjem jibqa’ barra l-awla f’kull seduta”.

14. L-art. 591 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk:

> »**591.** Bħala regola, ebda persuna preżenti waqt is-smigħ ta’ kawża ma tista’ tinġieb bħala xhud fl-istess kawża; iżda hu mħolli fid-diskrezzjoni tal-qorti li, għal raġuni tajba, tiddispensa minn din ir-regola, f’każijiet partikolari.«

15. Din hija regola li tagħmel sens, għax maħsuba biex tevita li xhud “jimmodula” x-xiehda tiegħu biex tiġi taqbel ma’ dik ta’ min xehed qablu. Iżda tagħmel sens biss meta x-xhieda kollha jinstemgħu f’seduta waħda u mhux b’intervall ta’ żmien bejn xiehda u oħra li matulu xhud li għad irid jixhed ikollu aċċess għat-traskrizzjoni tax-xiehda ta’ min xehed qablu. Ma tagħmilx tant sens f’każ bħal dan tallum, aktar u aktar meta x-xhieda huma miżżewġin lil xulxin u ma tridx wisq biex temmen illi, ukoll li kieku ma kienx preżenti fl-awla meta xehdet martu fit-2 ta’ Ottubru 2014, żewġ l-attriċi kien isir jaf mingħand

martu x'xehdet din dakinhar. Għalhekk idealment ix-xhieda għandhom jinstemgħu f'seduta waħda u mhux ftit ftit.

16. Madankollu, għalkemm fiċ-ċirkostanzi l-oġġezzjoni għax-xiehda ta' żewġ l-attriċi kienet x'aktarx formalistika milli msejsa fuq konsiderazzjonijiet realistiċi, id-deċiżjoni tal-ewwel qorti, għalkemm setgħet kienet mod ieħor, kienet teknikament korretta u din il-qorti ma hijiex sejra taqlibha, ukoll għax, kif sejjer jirriżulta mill-konsiderazzjoniiet dwar l-appell mis-sentenza, ftit li xejn sejra jkollha relevanza fuq l-eżitu għall-għanijiet tas-sentenza tallum. Dan ma jfissirx li, jekk żewġ l-attriċi jerġa' jissejjaħ biex jixhed f'seduta oħra, l-ewwel qorti għandha terġa' tinqeda bid-diskrezzjoni tagħha bl-istess mod, *i.e.* billi terġa' ma tippermettix li jixhed.

17. Ngħaddu mela għall-appell mis-sentenza tas-16 ta' Mejju 2017.

18. Fl-ewwel aggravju l-attriċi tgħid illi, ladarba l-liġi fl-art. 9A tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni [Kap. 104] tagħtiha jedd dirett għal azzjoni kontra l-assiguratur, u tista' tmexxi kontra l-assiguratur waħdu bla ħtieġa li tħarrek ukoll lil dak li jkun għamel il-ħsara[1], mela hu biżżejjed li l-preskrizzjoni tinkiser biss kontra l-assiguratur ukoll jekk ma tinkisirx ukoll kontra min hu responsabbli għall-ħsara.

19. Dan huwa minnu. Il-fatt li min iġarrab il-ħsara jista' jħarrek sew lill-assiguratur u sew li min jaħti għall-ħsara jfisser effettivament illi l-

---

1 Ara Shirley Ann Micallef *et v.* Anthony Taliana *et*, P.A. 28 ta' Marzu 2014.

assiguratur u min jaħti għall-ħsara jwieġbu flimkien *in solidum* għall-ħsara, naturalment bla ħsara għall-kwistjoni jekk hemmx responsabilità, li dwarha għad ma hemm ebda deċiżjoni. Konsegwenza ta' dan huwa illi, kif igħid u jrid l-art. 1100 tal-Kodiċi Ċivili, "kull att … li jikser il-preskrizzjoni għal wieħed minn dawk id-debituri [*sc. in solidum*], jikser il-preskrizzjoni wkoll għad-debituri l-oħra". Mela kien biżżejjed li l-preskrizzjoni tinkiser b'att notifikat lill-assiguratur biss.

20. L-assiguratur konvenut iżda jgħid illi l-ittri ġudizzjarji li ġew notifikati lilu – u li bihom l-attriċi tippretendi li kisret il-preskrizzjoni – għalkemm ġew notifikati lilu ma humiex indirizzati lilu:

> »La l-ewwel qorti u lanqas l-esponenti qatt ma qalu li l-*Motor Insurance Pool* ma setgħetx titħarrek direttament f'kawża *ai termini* artikolu 9A tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda l-punt kollu huwa li l-azzjoni kontra l-*Motor Insurance Pool* kellha tiġi salvagwardjata permezz ta' ittra uffiċjali li tivvanta jedd ċar kontra l-*Motor Insurance Pool* u mhux biss kontra l-intimat Bonello.«

21. L-istess igħid il-konvenut Bonello.

22. Iżda hekk kif, taħt l-art. 10 tal-Kap. 104, assiguratur huwa marbut li jħallas id-danni likwidati f'sentenza kontra l-persuna assigurata wkoll jekk ma jkunx parti f'dik il-kawża (sakemm jitħarsu l-kondizzjonijiet li trid il-liġi, fosthom illi jkun ingħata avviż tal-kawża b'att ġudizzjarju), hekk ukoll il-fatt li ġie notifikat bl-ittra ġudizzjarja jikser il-preskrizzjoni wkoll jekk dik l-ittra ma kinitx indirizzata kontrih, sakemm tkun notifikata kif trid il-liġi. Barra minn hekk, l-art. 2128 tal-Kodiċi Ċivili jgħid illi l-preskrizzjoni tinkiser "b'kull att ġudizzjarju ppreżentat fl-isem … tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed irid li ma jħallix timxi l-prekrizzjoni", kif ġara f'dan il-każ.

23. Ma huwiex irrelevanti wkoll illi l-Kap. 104, bħad-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà, li fuqha huwa *in parte* msejjes, huwa maħsub biex iħares id-drittijiet tad-danneġġjat u għalhekk għandu jiġi interpretat favurih.

24. L-inċident seħħ fit-2 ta' Diċembru 2008. L-ewwel ittra ġudizajarja saret fil-21 ta' April 2009, it-tieni waħda saret fl-4 ta' April 2011 u t-tielet waħda saret fit-22 ta' Mazru 2013, ilkoll notifikati lill-konvenut assiguratur fiż-żmien li tagħti l-liġi. Il-kawża mbagħad infetħet fit-22 ta' Novembru 2013. F'kull każ ma għaddewx aktar minn sentejn bejn l-inċident u l-ewwel att li kiser il-preskrizzjoni, u bejn kull att susseg-wenti. Dan l-aggravju għalhekk għandu jintlaqa' u ma jibqax meħtieġ li nqisu wkoll l-aggravji l-oħra.

25. Fil-fatt iż-żmien ta' preskrizzjoni ma kienx sentejn kif qalet l-ewwel qorti iżda ħamsa. Fl-inċident l-attriċi tgħid li ġarrbet ġrieħi li ma tfieqx minnhom. Għalhekk l-azzjoni hija dwar offiża gravi għax "tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem" (art. 218(1)(*a*) Kod. Krim.). L-art. 226(1) Kod. Krim. igħid illi jekk l-offiża ġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-art. 218 il-piena tkun ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena. Il-preskrizzjoni għalhekk hija dik ta' ħames snin taħt l-art. 688(*d*) Kod. Krim. għal delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien … mhux anqas minn sena" għax

"żmien mhux iżjed minn sena" (art. 226(1)), *i.e.* minn sena 'l isfel, huwa żmien "mhux anqas minn sena" (art. 688(*d*). Dan qiegħed jingħad *obiter*, billi ma sarx appell fuq hekk, iżda qiegħed jingħad biex ma jinħolqux preċedenti ħżiena.

26. Il-qorti għalhekk tilqa' l-appell: tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili u tħassarha fejn laqgħet l-eċċezzjoni taħt l-art. 2154(1) u, minflok, tiċħad ukoll dik l-eċċezzjoni u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallsuhom il-konvenuti flimkien.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm